MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 662/2003

**Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**Raymond Savona**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm158.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm138.00).

Sema' x-xhieda ta’ Charmaine Hili in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm138.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------